31995R3094

L 332/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.12.1995

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 3094/95 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-għajnuna mill-istat għall-bini tal-bastimenti

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 92(3)(e), 94 u 113 ta' dan it-Trattat,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2];

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 90/684/KEE tal-21 ta' Diċembru 1990 dwar l-għajnuna għall-bini tal-bastimenti [4] tiskadi fil-31 ta' Diċembru 1995;

Billi, skond il-parametri ta' l-Organizzazjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD), ġie konkluż ftehim bejn il-Komunità Ewropea u ċertu pajjiżi terzi li jirrispetta kondizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni fil-bini tal-bastimenti merkantili u l-industrija tat-tiswija [5];

Billi r-regoli ta' bħalissa tad-Direttiva ser ikollhom bżonn jittawlu *ad interim* jekk il-Ftehim tal-OECD ma' jidħolx fis-seħħ sa' l-1 ta' Jannar 1996;

Billi dak il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1996, wara li l-partijiet kollha għall-ftehim ikunu iddepositaw l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, aċċettazzjoni jew kunsens;

Billi l-ftehim jipprovdi għall-eliminazzjoni tal-għajnuna kollha diretta għall-bini tal-bastimenti ħlief għajnuna soċjali u għajnuna awtorizzata għar-riċerka u l-iżvilupp skond ċertu limiti;

Billi miżuri indiretti ta' appoġġ lill-bini tal-bastimenti fil-forma ta' faċilitajiet ta' kreditu u garanziji ta' self lil sidien il-bastimenti huma permessi bil-ftehim msemmi qabel iżda dawn għandhom ikunu skond il-Ftehim ta' l-OECD dwar Krediti ta' l-Esportazzjoni għall-bastimenti;

Billi l-ftehim ta' l-OECD li jirrispetta kondizzjonijiet kompetittivi normali fil-bini tal-bastimenti merkantili u fl-industrija tat-tiswija u l-legislazzjoni tal-Komunità li ġejja min dan huma materja ta' importanza distinta;

Billi l-poteri tal-Kummissjoni taħt l-Artikoli 85, 86, 92 u 93 tat-Trattat jippermettulha li taġixxi fil-każ ta' miżuri antikompetittivi jew prattiċi u fejn azzjonijiet mibdija mill-Kummissjoni b'konnessjoni ma' dawk il-miżuri u prattiċi mit-tarzni jiffurmaw parti integrali tar-rapport annwali li għandu jiġi sottomess lill-Istati Membri;

Billi l-ftehim msemmi hawn fuq jista' jiġi rivedut tliet snin wara li jkun daħal fis-seħħ,

Adotta dan ir-Regolament:

IL-KAPITOLU I

ĠENERALI

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

---

(1) ĠU C 304, tal-15.11.1995, p. 21.
(2) ĠU C 339, tat-18.12.1995.
(3) Opinjoni mogħtija fit-23 ta' Novembru 1995 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
(4) ĠU L 380, tal-31.12.1990, p. 27. Direttiva kif emendata l-aħħar b'Direttiva 94/73/EC (ĠU L 351, tal-31.12.1994, p. 10).
(5) ĠU C 375, tat-30.12.1994, p. 3.

(a) "tarzna" għandha tfisser il-bini fil-Komunità, ta' bastimenti tal-baħar bil-mutur kummerċjali, jiġifieri:

— bastimenti ta' mhux anqas minn 100 tg użati għat-trasport ta' passiġġieri u/jew oġġetti;

— bastimenti ta' mhux anqas minn 100 tg sabiex jitwettaq servizz speċjali (per eżempju dreġers u *ice-breakers*, esklużi baċir li jżomm f'wiċċ l-ilma u entitajiet ta' fuq il-baħar mobbli);

— irmonkaturi ta' mhux anqas minn 365 kW;

— bastimenti tas-sajd ta' mhux anqas minn 100 tg għall-esportazzjoni barra mill-Komunità; u

— qafas mhux lest tal-bastimenti msemmija hawn fuq illi jżommu f'wiċċ l-ilma u huma mobbli.

Bastimenti militari u modifikazzjonijiet magħmula jew karatteristiċi miżjuda lil bastimenti oħra esklussivament għall-finijiet militari għandhom ikunu esklużi, basta li kull miżura jew prattika applikata rigward dawn il-bastimenti, modifikazzjonijiet jew karatteristiċi m'humiex azzjonijiet moħbija favur bini tal-bastimenti merkantili inkonsistenti ma' dan ir-Regolament;

(a) "tiswija tal-bastimenti" għandha tfisser it-tiswija jew rikondizjonament fil-Komunità ta' bastimenti tal-baħar bil-mutur kummerċjali, kif definit f (a);

(ċ) "konverżjoni tal-bastimenti" għandha tfisser, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5, il-konverżjoni, fil-Komunità, ta' bastimenti tal-baħar bil-mutur kummerċjali, kif definit f'(a), bil-kondizzjoni illi dik l-operazzjoni ta' konverżjoni tinvolvi tiswijiet radikali lill-pjan tal-merkanzija, il-qafas, is-sistema ta' propulsjoni jew l-infrastruttura li tilqa l-passiġieri;

(d) "bastiment tal-baħar bil-mutur" għandha tfisser bastiment illi, permezz tal-propulsjoni u it-treġija permanenti tiegħu, għandu l-karatteristiċi kollha ta' navigazzjoni waħdu fuq il-baħar;

(e) "Ftehim ta' l-OECD" għandu jfisser il-ftehim li jirrispetta kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali fil-bini tal-bastimenti merkantili u fl-industrija tat-tiswija;

(f) "għajnuna" għandha tfisser għajnuna Statali skond it-tifsira tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat. Din għandha tinkludi mhux biss għajnuna mogħtija mill-Istat innifsu iżda ukoll dik mogħtija minn awtoritajiet reġjonali jew lokali jew entitajiet pubbliċi oħra u kull element ta' għajnuna li jkun jinsab f'miżuri ta' finanzjament meħudha direttament jew indirettament mill-Istati Membri rigward l-bini ta' bastimenti, impriżi ta' konverżjoni jew tiswija li ma jistgħux jitqiesu bħala provista ġenwina ta' kapital riskjuż skond prattiċi ta' investiment standard f'ekonomija tas-suq;

(g) "entità relatata" għandha tfisser kull persuna naturali jew legali li:

(i) hija s-sid ta' jew tikkontrolla minn jibni l-bastimenti; jew

(ii) hija propjeta ta' jew ikkontrollata minn persuna li tibni l-bastimenti, direttament jew indirettament, sew jekk permezz ta' pussess ta' ishma jew xort oħra. Il-kontroll għandu jkun preżunt li jseħħ meta persuna jew persuna li tibni l-bastimenti hija s-sid jew tikkontrolla aktar minn 25 % fl-ieħor.

Artikolu 2

1. Għajnuna mogħtija speċifikatament, sew jekk direttament jew indirettament, għall-bini tal-bastimenti, konverżjoni u tiswija, kif definit taħt dan ir-Regolament, iffinanzjat minn Stati Membri jew l-awtoritajiet reġjonali jew lokali tagħhom jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat f'kull forma liema tkun tista' titqies kompatibbli mas-suq komuni biss jekk tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Dan japplika mhux biss għall-impriżi li jaħdmu f'dawn l-attivitajiet iżda ukoll għall-entitajiet relatati.

2. L-ebda għajnuna mogħtija skond dan ir-Regolament ma' tista' tkun kondizzjonata fuq prattiċi diskriminatorji kontra prodotti li joriġinaw fi Stati Membri oħra.

IL-KAPITOLU II

MIŻURI KOMPATIBBLI

Artikolu 3

Assistenza Soċjali

1. Għajnuna sabiex tkopri l-ispejjez ta' miżuri għall-benefiċċju esklussiv ta' ħaddiema li jitilfu benefiċċji ta' l-irtirar jew li jiġu qegħda jew b'xi mod ieħor jiġu separati permanentement mill-impjieġ fl-impriża rispettiva tat-tarzna, ta' konverżjoni jew tiswija, meta din l-assistenza hija relatata mal-waqqfien jew l-qtugħ fil-qasir ta' attivitajiet tat-tarzna, falliment jew tibdil fl-attivitajiet oħra li ma jkunx il-bini tal-bastimenti, konverżjoni jew tiswija tista' titqies kompatibbli mas-suq komuni.

2. L-ispejjez eliġibbli għall-għajnuna msemmija f'dan l-Artikolu huma, b'mod partikolari:

— ħlasijiet lil ħaddiema li jkunu ġew qegħdha jew irtiraw qabel l-età ta' irtirar legali,

— l-ispejjez ta' servizzi ta' pariri lill-ħaddiema li jkunu ġew jew li jkunu ser jiġu qegħdha jew jirtiraw qabel l-età legali ta' l-irtirar, inkluż pagamenti magħmula mit-tarzni sabiex tkun iffaċilitata l-kreazzjoni ta' impriżi żgħar li huma indipendenti mit-tarzni in kwistjoni u li l-attivitajiet tagħhom m'humiex primarjament ta' bini tal-bastimenti, konverżjoni jew tiswija,

— ħlasijiet lill-ħaddiema għaltaħriġ vokazzjonali mill-ġdid.

Artikolu 4

Għajnuna għal riċerka u żvilupp

1. Għajnuna pubblika għal riċerka u żvilupp lill-industriji tat-tarzna, tal-konverżjoni u tat-tiswija tista' tkun ikkunsidrata kompatibbli mas-suq komuni fejn din l-assistenza pubblika tirrigwarda:

(i) riċerka fundamentali;

(ii) riċerka industrijali bażika, iżda l-intensità tal-għajnuna hija limitata għal 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli;

(iii) riċerka applikata, iżda l-intensità ta' l-għajnuna hija limitata għal 35 % ta' spejjeż eliġibbli;

(iv) żvilupp, iżda l-intensità ta' l-għajnuna hija limitata għal 25 % ta' spejjeż eliġibbli;

2. L-intensità tal-għajnuna massima permissibbli għar-riċerka u żvilupp mwettaq minn imprii żgħar jew ta' daqs medju [1] għandu jittieħed 20 punt ogħla mill-persentaġġi speċifikati fil-paragrafu 1 (ii), (iii) u (iv).

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, d-definizzjonijiet li ġejjien għandhom japplikaw għall-għajnuna dwar riċerka u żvilupp:

(a) spejjeż eliġibbli għandhom ikunu biss dawk li jirrigwardaw:

(i) l-ispejjeż ta' strumenti, materjal, art u bini sakemm dawn huma użati għall-riċerka speċifika u proġetti ta' żvilupp;

(ii) l-ispejjeż ta' riċerka, tekniċi u ħaddiema oħra sakemm dawn ikunu imqabbda biex jaħdmu f'proġetti ta' riċerka u żvilupp speċifiċi;

(iii) konsulenza u servizzi ekwivalenti inkluż riċerka mixtrija, tagħrif teknoloġiku, *patents*, eċċ.;

(iv) spejjez fissi (servizzi infrastrutturali u ta' appoġġ) sakemm dawn huma relatati ma' proġetti ta' riċerka u żvilupp, bil-kondizzjoni illi dawn ma' jeċċedux 45 % ta' l-ispejjeż totali tal-proġett għal riċerka industrijali bażika, 20 % għal riċerka applikata u 10 % għal żvilupp;

(b) "riċerka fundamentali" għandha tfisser attivitajiet ta' riċerka meħuda indipendentement minn impriżi ta' edukazzjoni ogħla jew ta' riċerka għat-tkabbir ta' tagħrif ġenerali xjentifiku u tekniku, li m'għandux x'jaqsam ma' oġġettivi ta' industrija jew kummerċjali;

(ċ) "riċerka industrijali bażika" għandha tfisser xogħol oriġinali tejoretiku u esperimentali li l-għan tiegħu hu li jinkiseb għarfien aħjar tal-liġijiet ta' xjenza u inġinerijja in ġenerali u li jistgħu japplikaw għal settur industrijali jew għal attivitajiet ta' impriża partikolari;

(d) "riċerka applikata" għandha tfisser xogħol ta' investigazzjoni jew esperiment fuq il-bażi ta' riżultati ta' riċerka bażika bil-għan li tiġi faċilitata l-kisba ta' oġġettivi prattiċi speċifiċi bħal-kreazzjoni ta' prodotti ġodda, proċessi ta' produzzjoni jew servizzi. Normalment tispiċċa bil-krejazzjoni ta' prototip ta' l-ewwel u ma' tinkludix sforzi li l-għan prinċipali tagħhom hu d-disinn, l-iżvilupp jew l-ittestjar ta' prodotti jew servizzi li jkunu ser jiġu kunsidrati għall-bejgħ;

(e) "żvilupp" għandha tfisser l-użu sistematiku ta' tagħrif xjentifiku u tekniku fid-disinn, żvilupp, ittestjar jew valutazzjoni ta' prodotti ġodda, proċessi ta' produzzjoni jew servizzi jew fit-titjib ta' prodotti eżistenti jew servizzi li għandhom jilħqu bżonnijiet u għanjiet ta' għemil speċifiku. Dan l-istadju normalment jinkludi mudelli ta' qabel il-produzzjoni bħal pilota u proġetti ta' dimostrazzjoni iżda ma' jinkludix applikazzjoni industrijali u sfruttament kummerċjali;

(f) għajnuna għal riċerka u żvilupp speċifikament provdut lill-bini tal-bastimenti, konverżjoni jew industrija ta' tiswija għandhom jinkludu, iżda mhux ikunu limitati għal dawn li ġejjien:

(i) proġetti ta' riċerka u żvilupp magħmula mill-industrija tal-bini tal-bastimenti, konverżjoni jew tiswija jew minn istituti ta' riċerka jew iffinanzjati minn dik l-industrija;

(ii) proġetti ta' riċerka u żvilupp magħmula mill-industrija tal-bini tal-bastimenti, jew minn istituti ta' riċerka ikkontrollati jew iffinanzjati minn dik l-industrija fejn dawn il-proġetti huma direttament relatati ma' l-industrija ta' bini tal-bastimenti, konverżjoni jew tiswija;

(iii) proġetti ta' riċerka u żvilupp magħmula minn-universitajiet, istituti ta' riċerka pubbliċI u/jew privati indipendenti u setturi oħra industrijali b'kollaborazzjoni ma' l-industrija tal-bini tal-bastimenti, konverżjoni jew tiswija;

[1] Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament "impriżi żgħar u ta' daqs medju" għandha tfisser impriżi li jimpjegaw anqas minn 300 impjegat, li d-dħul annwali min-negozju tagħhom ma' jeċċedix ECU 20 miljun, u li l-kapital tagħhom mhux aktar minn 25 % propjetà ta' kumpanijja kbira.

(iv) proġetti ta' riċerka u żvilupp magħmula minn universitajiet, istituti ta' riċerka pubbliċi u/jew privati indipendneti u setturi oħra industrijali, meta, fiż-żmien meta kien qed iseħħ il-proġett, jistgħa jkun raġonevolment mistenni illi r-riżultati ser ikunu ta' importanza sostanzjali speċifika għall-bini tal-bastimenti, konverżjoni jew insustrija ta' tiswija.

4. Informazzjoni dwar ir-riżultati ta' riċerka u żvilupp għandhom ikunu ippublikati kemm jista' jkun malajr, mill-inqas darba fissena.

Artikolu 5

Għajnuna indiretta

1. Għajnuna għall-bini tal-bastimenti u konverżjoni tal-bastimenti, mogħtija lil sidien tal-bastimenti jew terżi persuni filforma ta' seld mill-Istat u garanziji jistgħu jitqiesu kompatibbli mas-suq komuni jekk dawn jaderixxi mal-Ftehim ta' l-OECD dwar Kreditu ta' esportazzjoni għall-bastimenti ([1]) jew ma' xi ftehim li jemenda jew jieħu post dan il-ftehim.

2. Għajnuna għall-bini tal-bastimenti u konverżjoni tal-bastimenti mogħtija għal raġunijiet ġenwini bħala assistenza għall-Iżvilupp lill pajjiż qed jiżviluppa tista' titqies kompatibbli mas-suq komuni jekk tħares it-termini relevanti tal-Ftehim ta' l-OECD jew xi ftheim li jemenda jew li jieħu post dan il-ftheim, kif msemmi fil-paragrafu 1.

3. Għajnuna mogħtija minn Stat Membru lis-sidien tal-bastimenti tagħha jew lil terżi persuni f'dak l-Istat għall-bini jew konverżjoni ta' bastimenti ma' tistax tfixkel jew thedded illi tfixkel il-kompetizzjoni bejn tarznif'dak l-Istat Membru u postijiet fejn jinbnew il-bastimenti fi Stati Membri oħra fit-tqegħid ta' ordnijiet.

4. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, "konverżjoni tal-bastimenti" għandha tfisser, il-konverżjoni, fil-Komunita, ta' bastimenti tal-baħar bil-mutur kummerċjali, kif definit fl-Artikolu 1(a), ta' mhux anqas minn 1 000 g t bil-kondizzjoni illi dik l-operazzjoni ta' konverżjoni tinvolvi tiswijiet radikali lill-pjan tal-merkanzija, il-qafas, is-sistema ta' propulsjoni jew l-infrastruttura li tilqa' l-passiġieri;

Artikolu 6

Spanja, Portugall, Belġju

Għajnuna għar-rikostruzzjoni mogħtija fi Spanja, fil-Portugall u fil-Belġju fil-forma ta' assistenza ta' investiment u kull assistenza għal miżuri soċjali mhux koperta taħt l-Artikolu 3 u mħallsa wara l-1 ta' Jannar 1996 tista' tkun ikkunsidrata kompatibbli mas-suq komuni. Din l-għajnuna għandha tkun soġġetta għal notifikazzjoni individwali u approvazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 1996 'l aktar tard u tkun soġġetta għall-limiti massimi u skladenzi sabiex isiru l-ħlasijiet li ġejjien:

	Ammont ta' għajnuna	*Skadenza għall-ħlas*
Spanja	10 biljun pezeta	1998. Diċembru 31.
Portugália:	5,2 biljun escudo	1998. Diċembru 31.
Belgium:	1 320 miljun frank belġjan	1997. Diċembru 31.

Artikolu 7

Miżuri oħra

1. F'każijiet eċċezzjonali, u bla ħsara għall-Artikolu 92 tat-Trattat, għajnuna oħra tista' titqies kompatibbli mas-suq komuni. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li dan huwa l-każ, hija għandha tkun tista', wara li tikkonsulta l-kumitat speċjali mwaqqaf taħt l-Artikolu 113 tat-Trattat, titlob deroga mill-Grupp tal-partijiet skond l-Artikolu 5(5) tal-Ftehim ta' l-OECD.

2. Għal proġetti ta' riċerka u żvilupp relatati mas-sigurtà u l-ambjent, u bla ħsara għall-konformità mal-kondizzjonijiet mniżżla fl-Artikolu 92 tat-Trattat, intensità ta' għajnuna ogħla minn dik provduta fl-Artikolu 4(1) (ii), (iii) u (iv) tista' titqies kompatibbli mas-suq komuni. Jekk l-Kummissjoni tikkonsidra illi dan huwa l-każ, hija għandha tkun tista' titlob l-Grupp tal-Partijiet sabiex japprova l-proġett skond l-Anness I B 3 (2) għall-Ftehim ta' l-OECD.

3. Meta għajnuna mogħtija bis-saħħa ta' dan ir-Regolament hija s-suġġett ta' Proċeduri quddiem il-Bord ta' Vertenza taħt l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' l-OECD jew, fil-każ ta' krediti ta' esportazzjoni, is-soġġett ta' mekkaniżmi ta' konsultazzjoni kif provdut fil-Ftehim ta' l-OECD dwar krediti ta' esportazzjoni għall-Bastimenti, l-pożizzjoni tal-Komunità għandha tiġi addottata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni tal-Kumitat Speċjali mwaqqaf taħt l-Artikolu 113 tat-Trattat.

IL-KAPITOLU III

PROĊEDURA TA' MONITORAĠĠ

ARTIKOLU 8

1. Għajnuna lill-impriżi ta' bini tal-bastimenti u ta' tiswija koperta b'dan ir-Regolament għandha tkun soġġetta għal, flimkien mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat, regoli ta' notifika speċjali provduti fil-paragrafu 2.

([1]) ĠU C 375, tat-30.12.1994, p. 38.

2. Dan li ġej għandu jkun notifikat lill-Kummissjoni minn qabel mill-Istati Membri u awtorizzat mill-Kummissjoni qabel ma' jidħlu fis-seħħ:

(a) kull skema ta' għajnuna — ġdida jew eżistenti — jew kull emenda ta' skema eżisteni koperta b'dan ir-Regolament;

(b) kull deċiżjoni sabiex tapplika skema ta' għajnuna ġeneralment applikabbli, inkluż skemi ta' għajnuna reġjonali ġeneralment applikabbli, għall-impriżi koperti b'dan ir-Regolament sabiex tkun verifikata kompatibilità ma' l-Artikolu 92 tat-Trattat;

(ċ) kull applikazzjoni individwali ta' skemi ta' għajnuna fil-każ imsemmi fl-Artikolu 5(2) jew meta tkun speċifikatament provduta mill-Kummissjoni fl-approvazzjoni tagħha ta' l-iskema ta' għajnuna ikkonċernata.

Artikolu 9

1. Sabiex l-Kummissjoni tkun tista' tosserva l-applikazzjoni tar-regoli ta' għajnuna li jinsabu fil-Kapitolu II, Stati Membri għandhom ifornuwha b':

(a) rapporti kull xahar dwar faċilitajiet ta' kreditu uffiċjalment appoġġati għal kull kuntratt ta' bini ta' bastimenti u konverżjoni sa' l-aħħar tax-xahar wara x-xahar meta ġie iffirmat kull kuntratt, skond l-Iskeda I hawn annessa;

(b) fejn Stati Membri għandhom skemi li jipprovdu għal garanziji uffiċjali u assigurazzjoni għall-bastimenti, rapporti li għandhom ikunu sottomessi sa' l-1 ta' April tas-sena wara s-sena li tkun qed tiġi eżaminat, inkluż riżultati ta' l-iskemi, talbiet mħallsa, dħul minn premja u miżati, dħul minn tisħiħ u kull infomazzjoni oħra xierqa mitluba mill-Kummissjoni;

(ċ) rapporti ta' tlestija fuq kull kuntratt ta' bini tal-bastimenti u konverżjoni iffirmat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sa' l-aħħar tax-xahar wara x-xahar tat-tlestija, b'mod konformi ma' l-Iskeda 2 hawn annessa;

(d) rapporti annwali, li għandhom ikunu provduti sa l-1 ta' Marzu tas-sena ta' wara dik soġġetta għar-rapport, għandhom jingħataw dettalji ta' l-ammont totali ta' għajnuna mogħtija lil kull post fejn jinbnew il-bastimenti nazzjonali individwali matul is-sena tal-kalendarju ta' qabel, b'mod konformi ma' l-Iskeda 3 hawn annessa;

(e) fil-każ ta' tarzni kapaċi li jibnu bastimenti tal-merkanzija ta' 'l fuq minn 5 000 tg, għandhom ikunu provduti rapporti annwali mhux aktar tard minn xahrejn wara l-laqgħa ġenerali annwali ma' tkun approvat ir-rapport annwali tal-post fejn jinbnew l-bastimenti li jagħti informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar il-kapaċità ta' żviluppi u l-istruttura tal-propjetà, b'mod konformi ma' l-Iskeda 4 hawn annessa.

2. Fuq bażi ta' l-informazzjoni ikkomunikata lilha skond l-Artikolu 8 u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Kummissjoni għandha tipprepara rapport annwali globali sabiex iservi bħala bażi għal diskussjoni ma' esperti nazzjonali.

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara dik li fiha jiġi ippublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' l-OECD [1].

Jekk il-ftehim ma' jidħolx fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1996, id-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva 90/684/KEE għandhom japplikaw sakemm il-Ftehim jidħol fis-seħħ u l-aktar tard sal-1 ta' Ottubru 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

L. ATIENZA SERNA

[1] Id-data tal-bidu fis-seħħ tal-Ftehim ta' l-OECD għandha tkun ippublikata fil-Ġurnal Uffiċċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

L-ANNESS

Skeda 1

KOMUNITÀ EWROPEA

RAPPORT FUQ L-GĦAJNUNA LIL SIDIEN IL-BASTIMENTI U TERŻI PERSUNI OĦRA GĦALL-BINI ĠDID JEW KONVERŻJONI TA' BASTIMENTI

1. Isem u nazzjonalità ta' impriżi li jirċievu għajnuna .....

   .....

2. Prezz tal-kuntratt .....

3. Kreditu mogħti

   — Forma (e.g., kredtu ta' esportazzjoni, kreditu tad-djar, eċċ.): .....

   — Volum: .....

   — Perjodu ta' ripagament: .....

   — Frekwenza tal-pagamenti: .....

   — Volum: .....

4. Garanziji mogħtija

   — Volum: .....

   — fondi mħallsa: .....

   — Dewmien: .....

   — Termini u kondizzjonijiet oħra: .....

   .....

5. Xahar meta tingħata l-għajnuna: .....

6. Kuntratt ta' bini ġdid jew konverżjoni (jekk joġbgħok speċifika liema)

   — Tip tal-vapur u Nru tat-tarzna: .....

   — Piż mejjet (DWT):" .....

   — Tunnellaġġ gross (GT):" .....

   — Tunnellaġġ gross ikkumpensat (GT): .....

   — Tarzna li tkun qed taħdem: — Pajjiż: .....

   — Isem: .....

   — Data meta ix-xogħol ikun kompla/mwassal .....

Kuntatt għall-mistoqsijiet: ..... Data: .....

Pożizzjoni miżmuma: ..... Firma: .....

KOMUNITÀ EWROPEA

RAPPORT TAT-TLESTIJA TAL-BASTIMENTI MERKANTILI

Taqsima 1: Dettalji tal-kuntratt

1. Bini ġdid/konverżjoni		
2. Kumpannija	3. Tarzna	4. Numru tat-tarzna
5. Sid reġistrat		
6. Sid detentur		
7. Pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-bastiment		
8. Data tal-kuntratt iffirmat	9. Data tat-tlestija/konsenja	

Taqsima 2. Dettalji tal-bastiment

10. Tipi ta' bastimenti (kategorija OECD)
11. Piż mejjet (DWT) .....
12. Tunnellaġġ gross (GT) .....
13. Tunnellaġġ gross kumpensat(CGT) .....

Taqsima 3: Arranġamenti finanzjarji

	Valuta	ECU (Rata prevalenti)	% tal-prezz tal-Kuntratt
14. Prezz tal-kuntratt			
15. Telf stmat fuq il-kuntratt (jekk hemm)			
16. Għajnuna relatata mal-kuntratt			
A. Mogħtija lit-tarzna: (a) għotjiet (b) faċilitajiet ta' kreditu (c) konċessjoni fiskali speċifika (d) appoġġ ieħor			
B. Mogħtija lill-klijent jew lis-sid ta' l-aħħar: (a) għotjiet (b) faċilitajiet ta' kreditu (c) konċessjoni fiskali speċifika (d) appoġġ ieħor			

Kuntatt għall-informazzjoni: ..... Data: .....

Kariga: ..... Firma: .....

Skeda 3

KOMUNITÀ EWROPEA

RAPPORT TAL-GĦAJNUNA FINANZJARAJA GĦALL-ĦADDIEMA U TA' L-IMPRIŻA

A vállalkozás neve: .....

	Spejjeż eliġibbli (inkluż (1) dettalji tan-numri ta' ħaddiema involuti	Għajnuna rċevuta		Bażi legali (inkluż data ta' l-approvazzjoni mill-Kummissjoni)
		Forma	Ammont	
1. Għajnuna soċjali: (a) Ħlasijiet għal min jiġi qiegħed (b) Ħlasijiet għall-irtirara kmieni (c) Ħlasijiet għar-rikonverżjoni (d) Tħariġ vokazzjonali mill-ġdid				
2. Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp (a) Riċerka fondamentali (b) Riċerka bażika industrijali (c) Riċerka applikata (d) Żvilupp				
3. Skemi ta' għajnuna ġenerali (jekk jogħġbok ispeċifika n-natura ta' l-appoġġ)				

Kuntatt għall-informazzjoni: ..... Data: .....

Kariga: ..... Firma: .....

Skeda 4

Rapport fuq tarzni kapaċi li jibnu bastimenti tal-merkanzija ta' aktar minn 5 000 GT

1. Isem tal-kumpannija (.....)

2. Kapaċità totali disponibbli (.....) (CGT)

3. Data fuq il-baċir/irmiġġ

Baċir jew irmiġġ	Daqs massimu tal-basimenti (CGT)
(.....)	(.....)
(.....)	(.....)
(.....)	(.....)

4. Deskrizzjoni ta' kull pjan futur ta' espansjoni tal-kapaċità jew riduzzjoni

5. Struttura tal-propjetà (struttura tal-kapital, sehem ta' sidien pubbliċi dirett jew indirett)

6. Rendikont finanzjarju (karta li turi l-kontijiet, dikjarazzjoni tal-profit u t-telf, inkluż, jekk disponibbli, rendikonti separati li jkopru l-attivitajiet tal-bini tal-bastimenti ta' l-azjenda)

7. Trasferiment ta' riżorsi pubbliċi (inkluż garanziji ta' dejn, infusjonijiet ta' bonds, eċċ.)

8. Eżenzjonijiet minn obbligi finanzjarji jew obbligi oħra (inkluż privileġġi mit-taxxa, eċċ.)

9. Kontribuzzjoni kapitali (inkluż infusjonijiet ta' ekwità, irtirar ta' dividend kapitali, self u l-oġħtja lura tagħhom, eċċ.)

10. Thassir ta' dejn

11. Trasferiment ta' telf